TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

George u Pauline Grech

vs

A. Agius Watch Dealers

CCT 180/17/MS

23 ta' Lulju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fid-9 ta' Ottubru 2017 fejn talab is-somma ta' mija u sittin Euro, prezz ta' arlogg Bulova mixtri minghand l-azjenda intimata, liema arlogg allegatament ma kienx qed jiffunzjona sew.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fit-30 ta' Ottubru 2017 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li fl-20 ta' Lulju 2015 ir-rikorrent xtara arlogg Bulova mudell numr 95A115 minghand l-azjenda intimata ghal prezz ta' €160.00. F'Mejju 2016 ir-rikorrent beda jinnota illi l-arlogg beda jitlef il-hin u ghalhekk mar ghand l-intimat fejn dan biddillu l-batterija bla hlas. Ir-rikorrent, pero, kompla jilmenta u f'Novembru 2016 ha l-arlogg ghand l-azjenda intimata fejn din id-darba, inbidel il-makkinarju. Ir-rikorrent ma kienx kuntent b'dan u fil-5 ta' Mejju 2017 mar fil-hanut tal-azjenda intimata u talab illi jinghata arlogg gdid. Din it-talba ma gietx milqugha u ghalhekk adixxa dan it-Tribunal.

Illi min-naha l-ohra l-azjenda intimata irrikonoxxiet illi r-rikorrent xtara arlogg minghandhom f'Lulju 2015 u li f'Mejju 2016 inbiddlet il-batterija. Fil-fatt l-azjenda tikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrent, pero' tghid illi wara l-intervent ta' Novembru 2016, qabel ma ghaddew l-arlogg lill-klijent zammewh ghal gimghatejn ohra biex ikunu

certi li jibqa' jahdem u l-arlogg baqa' jahdem tajjeb. Fil-5 ta' Mejju 2017 ir-rikorrent rega' ilmenta mal-azjenda intimata li l-arlogg ma kienx qed jahdem u Joseph Agius ghal azjenda intimata issuggerixxa li l-arlogg immur ghand l-agent. Ir-rikorrent irrifjuta u talbu arlogg gdid jew il-flus lura.

Ikkunsidra

Minkejja illi ghal dawk li huma l-fatti l-partijiet jaqblu bejniethom, il-kontroversja bejniethom qieghda dwar x'gara fl-arlogg wara Novembru 2016, fejn ir-rikorrent jilmenta li l-arlogg ma kienx qed jahdem waqt li -socjeta' intimata qed tinsisti li ma kien hemm xejn hazin fl-arlogg tant illi zammewh gimghatejn ghandhom uu dan iffunzjona tajjeb f'kull aspett. Ghalhekk hawn zewg versjonijiet kontrastanti li t-tnejn jistghu jkunu veritjiera. Is-soluzzjoni kienet tkun li jigi mqabbad perit sabiex jaghti opinjoni independenti dwar min minnhom qed ighid is-sewwa. Filwaqt illi Joseph Agius accetta din il-protesta u anke offra li jhallas l-ispejjez provizorjmanet hu ir-rikorrent irrifjuta ghax qal li ma jridx ihallas aktar spejjes.

Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' opinjoni teknika u esperta u li jrid joqghod bil-fors fuq dak li rrizulta mill-process fejn ir-rikorrent qed ighid haga u l-intimat qed ighid xi haga ohra - u l-versjonijiet it-tnejn jista' jkunu probabbli. It-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ghalhekk ma lahaqx dik il-grad ta' prova rikjesta' mill-ligi ghas-success tal-instanza tieghu u ma jistax jippretendi ebda rizarciment minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru